MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 207/2009

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fil-hmistax (15) ta' Lulju 2002, fil-knisja ta' San Bastjan, Qormi;

Illi minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

Illi l-kunsens tal-attrici ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-konvenut kien ta l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi l-kontendenti kienu u ghadhom afflitti minn impotenza relattiva fil-konfront ta' xulxin;

Illi konsegwentement, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, iz-zwieg tal-kontendenti huwa null u bla ebda effett fil-ligi;

Illi ghalhekk qed issir din il-kawza.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg tal-kontendenti huwa null u minghajr ebda effett, ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d), u/jew tal-Artikolu 19 (1) (e), u/jew tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Taghti l-provvedimenti kollha opportuni bhala konsegwenza tal-akkoljiment tat-talba precedenti.

U dan previa kull dikjarazzjoni jew provvediment iehor li lilha jidhrilha xierqa u opportuni.

BL-ispejjez kontra l-konvenut, li hu minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata ta' C D, li permezz taghha eccepixxa:

Illi l-eccipjenti jaqbel illi z-zwieg tieghu mar-rikorrenti huwa null;

Illi l-eccipjenti jaqbel illi l-kunsens, kemm tal-attrici u kif ukoll tieghu stess, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u in oltre jemmen illi l-kunsens tieghu kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li

rrendietu inkapaci milli jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-eccipjenti jaqbel illi l-kunsens tieghu inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Rat l-affidavitipprezentati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti f’din il-kawza qed titlob dikjarazzjoni ta’ nullita’ ta’ zwieg ghar-raguni li l-kunsens taghha ghaz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju. Issostni li l-kunsens ta’ zewgha ukoll kien vizzjat bl-eskluzjoni taz-zwieg innifsu jew ta’ wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. Hija ssostni ukoll li bejn il-koppja tezisti problema ta’ impotenza relattiva.

F’din il-kawza, in sostenn tat-talba taghha, l-attrici xehedet hija nnifisha bil-procedura tal-affidavit. Hija ressqet ukoll bhala prova affidavit ta’ zewg hutha, ta’ habibitha, kif ukoll tas-sieheb attwali taghha. Il-konvenut xehed ukoll permezz ta’ affidavit, u ressaq ukoll bhala prova affidavit ta’ ohtu u ta’ habib tieghu.

Il-koppja f’din il-kawza zzewgu wara gherusija twila, fejn kollox deher normali, ghalkemm jirrizulta illi r-ragel dejjem kellu l-vizzju tat-tipjip tal-haxixa, vizzju dan li, ghalkemm ghall-bidu zamm mohbi, wara xi zmien, l-attrici saret taf bih u ukoll ippartecipat fih f’hafna okkazjonijiet. L-attrici hija mara edukata u struwita u kemm hi kif ukoll zewgha gejjin minn familji normali. Il-familja taghha, madanakollu, kienet ghaddiet minn esperjenzi difficli hafna, fosthom il-mewt tal-missier meta l-attrici kienet ghadha tifla, kif ukoll il-mewt tragika ta’ huha. Il-problemi fil-koppja bdew meta bdew jinhassu bejniethom divergenzi fil-gibda sesswali ta’ bejniethom. Dawn il-problemi jinghadu li huma rizultat tat-

tipjip tal-haxixa da parti tar-ragel, kif ukoll ghall-esperjenza formattiva tal-istess rikorrenti.

Huwa ghalhekk li l-attrici qeghda issa tinvoka l-ezistenza ta’ impotenza relattiva bejn il-koppja. Il-Qorti tqis li dan ma giex pruvat. Il-koppja kellhom relazzjonijiet sesswali diversi drabi qabel iz-zwieg, ukoll waqt iz-zwieg. Il-fatt li l-vizzju tar-ragel wassal ghall-problemi sesswali min-naha tieghu, ma jista’ qatt jigi ekwiparat ghall-impotenza relattiva. Ghalkemm ir-relazzjonijiet sesswali bejniethom ma kienu qatt frekwenti, kienu fil-fatt jezistu. Ghalhekk din it-tezi tal-attrici qed tigi skartata minnufih.

L-attrici ssostni illi zewgha kien eskluda z-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. F’dan ir-rigward, il-Qorti ma ssib xejn fil-provi prodotti li jsostni dan. Anzi hija l-attrici stess li tammetti:

“*Qabel ma zzewwigna qatt ma konna semmejna s-suggett tat-tfal.*”

Hadd mix-xhieda l-ohra ma jsemmi xejn dwar il-hsieb tal-konvenut dwar tfal. Li jsemmi fil-konfront taghha donnu li jirrigwarda eskluzjoni ta’ tqala. Gie li saret referenza minnha ghall-possibilita’ ta’ adozzjoni, pero’ dejjem in relazzjoni mal-mara, qatt mar-ragel, li da parti tieghu qed tigi allegata l-eskluzjoni. Madanakollu, anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, din l-eskluzjoni kienet qed tirreferi ghall-mara, il-fatt li hija dejjem ikkonsidrat l-adozzjoni ukoll iggib fix-xejn l-allegazzjoni tal-eskluzjoni. Rigward l-eskluzjoni ta’ xi element iehor tal-hajja mizzewga da parti tar-ragel, il-Qorti ma ssib ebda hjiel.

Finalment, l-attrici ssostni li l-kunsens taghha kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju a tenur tal-Art. 19 (1) (d) tal-Kap. 255. L-insenjament ta’ dawn il-Qrati, f’dan ir-rigward gie sintezzjat hekk fil-kawza “**Janet Portelli vs Victor Portelli**”, (deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-14 ta’ Awissu, 1995):

“*It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three*

*conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."*

Il-Qorti tqis li mill-provi prodotti jirrizulta li dawn il-kriterji hekk enuncjati, jinsabu sodisfatti fl-assjem tac-cirkostanzi tal-kaz odjern. Ta' min wiehed isemmil-abbuz sesswali tar-rikorrenti meta kienet zghira u l-abbuz mid-droga; kif ukoll il-"holm" bhal ma kienu l-vjaggi fl-Indja.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fil-15 ta' Lulju 2002 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------